# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 30/2002GT(GM)

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Antida Farrugia**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Hlas ta' Royalty fl-ammont ta' hamsa w ghoxrin Lira Maltin u tnejn w erbghin centezmi (Lm25.42) kwantu ghal tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm22.10c) Royalty u tliet Liri Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm3.32c) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.9897 (Dok "A") rilaxxjata mis-Socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Antidas Bar & Restaurant, ghall-perjodu mis-6 ta' Settembru 2001, sal-5 ta' Settembru, 2002.**

**Is-Socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Novembru 2001, kontra l-konvenut li huwa ingjunt jidher ghas-subizzjoni."**

**Ra r-risposta:**

1. **Illi l-eccipjenti m'ghadhiex aktar fil-gestjoni tar-restaurant maghruf bl-isem Antida Panhandle, fi Triq Marina, Marsalforn, u n-negozju kien gie mikri lil terzi persuni wara li l-kera li kellha l-eccipjenti tal-istess negozju kienet giet terminata f'Lulju 2001;**

2. **Illi l-eccipjenti kienet infurmat permezz ta' ittra tal-Avukat taghha lis-socjeta' attrici bit-terminazzjoni tal-ftehim li kellha mal-istess socjeta';**

3. **Ghaldaqstant it-talba attrici ghall-hlas pretis ma tirrizultax gustifikata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta'.**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti**

**Ikkunsidra**

**Illi skond paragrafu 6(1) tal-*copyright music licence contract* iffirmat bejn il-partijiet kontendenti, *This licence shall continue from year to year until ended by either party giving to the other (by recorded delivery) one calendar month's notice in writing to expire at the end of the Licence Year.***

**Illi l-frazi *recorded delivery* ma tfisser xejn ghajr kunsinna irregistrata, bhal ittra registrata, ossia kunsinna bl-idejn li ghaliha tinghata debita ricevuta. Difatti l-kelma *record* tfisser, f'termini legali, *something established as fact by being recorded.* Fil-kaz prezenti ma sar xejn minn dan. Intbaghat avviz ta' terminazzjoni permezz ta' ittra tal-avukat tal-konvenuta, izda dan bl-ebda mod ma gie rregistrat, u r-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehdet li din il-korrispondenza ma tirrizultax fir-records tal-istess socjeta'. Li kieku kien sufficjenti li l-avviz jintbaghat bil-posta normali, ma kien ikun hemm l-ebda htiega li tizdied il-frazi *recorded delivery,* li evidentement tnizzlet biex jigu evitati kwistjonijiet dwar jekk is-socjeta' attrici tkunx giet notifikata jew le bl-avviz ta' terminazzjoni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' LM25.42 bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-iskadenza sal-hlas effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Novembru 2001 kontra l-konvenuta.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**